



st10221.en19.xml.sdlxliff



**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)**

10221/19

COEST 139

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.:	10101/19
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fis-17 ta' Ġunju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali

1. Il-Kunsill jilqa' relazzjonijiet imsaħħa bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Każakistan, ir-Repubblika Kirgiża, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan sa mill-adozzjoni tal-ewwel Strateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali fl-2007. F'dinja kkaratterizzata minn interdipendenza u interkonnessjoni dejjem akbar, l-UE u l-Asja Ċentrali huma marbuta b'interessi reċiproċi b'saħħithom u issa huma eqreb minn qatt qabel. Il-Kunsill jissottolinja l-opportunitajiet sinifikanti li dinamiki pożittivi ħolqu fl-Asja Ċentrali biex b'hekk avvanzaw is-sħubija bejn l-UE u l-Asja Ċentrali.
2. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni Konġunta dwar "L-UE u l-Asja Ċentrali: Opportunitajiet ġodda għal Sħubija aktar b'Saħħitha" mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea li, flimkien ma' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, jipprovdu l-qafas ta' politika ġdid għall-involviment tal-UE mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali matul is-snin li ġejjin.
3. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni bi skop u mmirata tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali, li hija opportunità ta' valur għall-UE u l-Asja Ċentrali biex tinholq sħubija b'saħħitha u deġiema għall-benefiċċju reċiproku taċ-ċittadini tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kunsill jistieden lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex jaħdmu mal-UE.
4. Il-Kunsill jilqa' l-fokus il-ġdid tal-Istrateġija tal-UE fuq il-promozzjoni tar-reżiljenza, il-prospertà u l-kooperazzjoni reġjonali fl-Asja Ċentrali.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jikkonkludi u jimplimenta Ftehimiet Imsaħħin ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCAs) ambizzjużi, b'bażi wiesgħa u ta' benefiċċju reċiproku u mal-pajjiżi interessati tar-reġjun. Dawn il-ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida ser jibqgħu l-pedament tal-involviment tal-UE mal-Asja Ċentrali. Il-Kunsill itenni li l-kamp ta' applikazzjoni tar-relazzjonijiet tal-UE huwa marbut mal-prontezza tal-pajjiżi individwali tal-Asja Ċentrali biex iwettqu r-riformi u jsaħħu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, kif ukoll biex jimmodernizzaw u jiddiversifikaw l-ekonomija, inkluż billi jappoġġaw is-settur privat, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, f'ekonomija orjentata lejn is-suq.

6. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE biex tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali. Filwaqt li huwa fidejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali li jiddeterminaw l-aħjar strutturi u mekkaniżmi biex jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni fir-reġjun bil-pass tagħhom stess, id-djalogu bejn ir-reġjuni u l-programmi ta' kooperazzjoni għal diversi pajjiżi tal-UE ser jgħin biex imexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni reġjonali fl-Asja Ċentrali.
7. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fl-appoġġ ta' proċess ta' paċi li huwa proprjetà tal-Afgani u mmexxi mill-Afgani u r-rikostruzzjoni tal-pajjiż, u f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar l-Afganistan, il-Kunsill jisħaq l-importanza li jiġi mħeġġeġ aktar impenn politiku u ekonomiku bejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u l-Afganistan biex b'mod konġunt jippromwovu proċess ta' paċi inklużiv u żvilupp sostenibbli. Konnettività aktar b'saħħitha bejn l-Asja Ċentrali, l-Afganistan u l-Asja t'Isfel għandha rwol ewlieni għall-paċi, il-prosperità u l-istabbilizzazzjoni tar-reġjun usa'.
8. L-istrateġija tal-UE għandha l-għan li toħloq sħubija mhux esklussiva mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali. L-UE ser tkompli taħdem mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll ma' pajjiżi terzi, kif xieraq, fejn tali involviment usa' jikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali tal-UE u ta' din l-Istrateġija.
9. Il-Kunsill jenfasizza li aktar kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja Ċentrali għandha tiffoka fuq il-promozzjoni tas-sovranià u r-reżiljenza tal-pajjiżi u s-soċjetajiet tal-Asja Ċentrali kif ukoll tar-reġjun kollu kemm hu. L-isforzi biex tiġi promossa r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet u biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni, tiġi promossa s-sigurtà taċ-ċittadini, jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, jiġu rrimedjati s-siti storiċi tal-estrazzjoni tal-uranju u jiġu ppreservati l-bijodiversità u r-riżorsi tal-ilma jistgħu jirnexxu biss permezz ta' aktar dijalogu u kooperazzjoni msaħħa. L-UE tappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma transkonfinali u tilqa' f'dak ir-rigward ir-rwol tal-Fond Internazzjonali biex Isalvaw il-Baħar Aral kif ukoll l-inizjattivi taċ-Ċentru Reġjonali tad-Diplomazija Preventiva tan-NU għall-Asja Ċentrali.

10. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni, ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tat-tfal kif ukoll l-appoġġ tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO għal Globalizzazzjoni Ġusta, iridu jibqgħu fil-qalba tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali. L-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għandhom ikomplu jippromwovu u jaġixxu lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi u jippromwovu l-parteciġazzjoni tan-nisa fil-ħajja soċjali u ekonomika.
11. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-mobilità, b'mod partikolari fil-qafas tal-EPCAs, kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ id-djalogu u li titħeġġeġ il-kooperazzjoni kontinwa kontra sfidi ta' sigurtà komuni, bħall-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu, it-theddid ċibernetiku u ibridu, u l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom. Il-Kunsill jisħaq l-importanza li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin soċjoekonomiċi tar-radikalizzazzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-governanza fis-settur tas-sigurtà u r-riforma. Huwa jqis il-kooperazzjoni kontinwa dwar il-ġestjoni tal-fruntieri fir-reġjun, inkluż l-Afganistan, bħala prijorità tal-UE bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-kummerċ intrareġjonali, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' persuni, id-drogi u l-prodotti, u l-ġestjoni tal-flussi migratorji.
12. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għandhom jikkooperaw aktar biex imexxu 'l quddiem is-sħubija tagħhom għall-prosperità. Il-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-EPCAs, li jinkludu dispożizzjonijiet komprensivi dwar il-kummerċ, u l-użu effettiv ta' strumenti kummerċjali eżistenti oħra, bħas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, għandhom iżidu l-flussi ta' kummerċ u ta' investiment bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali. L-EPCAs ser jippromwovu l-konverġenza regolatorja u l-konformità mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali, itejbu l-aċċess reċiproku għas-suq u jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-promozzjoni ta' klima miftuħa, soda, sikura u attraenti għan-negozju u l-investiment fl-Asja Ċentrali, b'mod partikolari permezz tad-djalogu bejn in-negozji, hija importanti. Il-Kunsill jisħaq ukoll dwar l-importanza li jiġu żviluppatti aktar is-servizzi, jiġu mmodernizzati l-infrastrutturi kif ukoll jiġi promoss is-settur agrikolu.

13. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol strateġiku tal-Asja Ċentrali fl-isforzi globali biex tiġi promossa l-konnettività Ewro-Asjatika u filwaqt li jiŋhaq li dawn l-isforzi għandhom iġibu benefiċċji lejn ir-reġjun, il-Kunsill jistenna b'interess li tiżdied il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex tiġi promossa l-konnettività sostenibbli; komprensiva; u bbażata fuq ir-regoli. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja, il-Kunsill jappella għall-istabbiliment ta' sħubiji għal konnettività sostenibbli fejn xieraq ma' pajjiżi tal-Asja Ċentrali sabiex tiġi promossa infrastruttura ta' kwalità u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, fiskali u ambjentali fl-Asja Ċentrali u mal-Asja Ċentrali u jiġi żgurat transitu tal-merkanzija bla xkiel. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi biex tinholq rabta bejn l-Asja Ċentrali mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u mal-Afganistan. Il-Kunsill jappoġġa l-ħidma biex jiġi konness in-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport estiż ma' networks fl-Asja Ċentrali u jiġi avanzat l-interess reċiproku fl-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ta' konnettività tal-enerġija u t-trasport li fihom jintuża bis-sħiħ il-potenzjal ta' tqarrib tal-Baħar l-Iswed u tal-Baħar Kaspju. Filwaqt li t-trasport qed isir aktar multimodali u qed jinqalgħu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ta' networks tat-trasport Ewro-Asjatiċi ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti, il-konnessjonijiet bil-ferrovija Tramuntana-Nofsinhar u Lvant-Punent jista' jkollhom rwol importanti fil-futur. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni fil-konnettività diġitali u l-governanza elettronika. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' miżuri effettivi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiġi appoġġata t-transizzjoni tar-reġjun lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. L-UE għandha żżid il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, kif ukoll dwar l-iffaċilitar tal-interkonnessjonijiet tal-elettriku fuq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Il-konnessjonijiet bejn il-persuni ser ikollhom ukoll rwol ewlieni fl-iżvilupp tas-sħubija bejn l-UE u l-Asja Ċentrali.

14. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tkompli tiġi appoġġata l-edukazzjoni fl-Asja Ċentrali biex jiġu promossi l-iżvilupp, id-diversifikazzjoni ekonomika u opportunitajiet ta' xogħol deċenti, u biex tiġi evitata l-esklużjoni u jitnaqqas ir-riskju tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti fost l-oħrajn fost il-popolazzjoni aktar żagħżuġha. Il-Kunsill jappoġġa riformi biex tiżdied il-kwalità tal-edukazzjoni, l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u biex jiġu promossi sinerġiji bejn is-sistemi edukattivi u s-suq tax-xogħol kif ukoll l-edukazzjoni diġitali. Jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jkompli jiżviluppa programmi ta' skambju akkademiċi u li jappoġġa l-kooperazzjoni u l-mobilità reġjonali f'dan il-kuntest. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja tal-UE u tal-Asja Ċentrali kif ukoll l-iskambji ta' studenti, akkademiċi u riċerkaturi. Il-kooperazzjoni dwar il-kultura u t-turiżmu għandha tiġi mhegħa biex twassal benefiċċji soċjali u ekonomiċi.
15. Filwaqt li diversi pajjiżi tal-Asja Ċentrali kisbu livelli għoljin ta' żvilupp, hemm bżonn ta' mudelli ġodda ta' tkabbir ekonomiku, riformi strutturali, diversifikazzjoni ekonomika u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fir-reġjun biex jiġu kkonsolidati l-kisbiet fl-iżvilupp. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp tipprovdi opportunitajiet sinifikanti biex jaġixxu flimkien għall-iżvilupp sostenibbli.
16. Il-Kunsill jikkunsidra li l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Asja Ċentrali għandha tiggwida l-ipprogrammar tal-assistenza tal-UE, inkluż l-investiment sostenibbli mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), lir-reġjun, u li l-kooperazzjoni futura għandha tkun kapaċi tirrispondi għal kwalunkwe fażi ġdida tar-riformi fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal finanzjament xieraq għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fl-ipprogrammar futur tal-kooperazzjoni finanzjarja u teknika. Il-Kunsill jisħaq l-importanza ta' kumplimentarjetà u konsistenza mill-qrib bejn il-programmi bilaterali u reġjonali tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri u tal-programmazzjoni konġunta sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti li għandu l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp fir-reġjun.

17. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali dwar il-prijoritajiet ewlenin ta' politika barranija rilevanti. Il-Kunsill jissottolinja l-kontribuzzjoni li l-Asja Ċentrali tista' tagħti biex jiġu indirizzati l-isfidi globali. Il-kooperazzjoni dwar it-tibdil fil-klima għandha tfittex l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi. F'konformità mal-impenn komuni tagħhom lejn ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għandhom jaħdmu aktar mill-qrib flimkien f'fora multilaterali, inkluż in-NU, l-OSKE u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). B'mod partikolari, l-UE ser tkompli tinkoraġġixxi u tipprovi appoġġ adegwat għall-adeżjoni tal-pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali fid-WTO.
18. Il-Kunsill jinkoraġġixxi approċċ konġunt aktar b'saħħtu bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fl-involvement rispettiv tagħhom mar-reġjun. Il-Kunsill jilqa' l-ftuħ ta' Delegazzjoni tal-UE fit-Turkmenistan.
19. Ir-rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali għandu jkompli jaġixxi bħala mezz ta' dialogu u komunikazzjoni fl-ogħla livell mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex itejjeb l-effettività u l-viżibbiltà tal-UE fir-reġjun.
20. Il-Kunsill jenfasizza li s-sħubija bejn l-UE u l-Asja Ċentrali testendi lil hinn mill-gvernijiet u tistenna b'interess l-involvement tas-soċjetajiet ċivili fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Ir-relazzjonijiet futuri jeħtieġ li jibnu fuq il-kontribuzzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inkluż ukoll il-parlamentari, is-settur privat, il-gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja u ż-żgħażaġh.
21. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE fl-Asja Ċentrali sabiex tissaħħaħ il-viżibilità tal-UE, tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha u tal-benefiċċji tanġibbli li tista' ggħib fir-reġjun. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jisħaq l-importanza ta' ambjent għal media indipendenti ħielsa minn pressjonijiet interni u esterni u dwar ir-rwol tal-UE biex tgħin fl-iżvilupp tagħha.
22. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet konkreti identifikati fil-Komunikazzjoni Konġunta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-pajjiżi sħab tal-Asja Ċentrali.
